



**2022/0155(COD)**

29.3.2023

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda  
kontra dan  
(COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Niyazi Kizilyürek

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta leġiżlattiva tagħha għal regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, li għandha l-għan li tintroduċi regoli uniformi biex tindirizza l-użu ħażin tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online fis-suq intern (Artikolu 1 tal-proposta).

Ir-Rapporteur jixtieq jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online u jissuġġerixxi sensiela ta' emendi sabiex jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni fost it-tfal permezz tal-edukazzjoni u b'enfasi fuq il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali inkluż il-litteriżmu medjatiku. Barra minn hekk, ir-Rapporteur jenfasizza l-hteġa li jiġu appoġġati l-vittmi u l-familji tagħhom.

Fir-rigward tal-istrutturi ta' governanza, ir-Rapporteur jemmen li ċ-Ċentru tal-UE u l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni nazzjonali jistgħu jservu bħala ċentri importanti ta' riċerka u ta' sensibilizzazzjoni sabiex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur jemmen li dan ir-Regolament, flimkien mal-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+), jistgħu joħolqu esperjenzi diġitali sikuri għat-tfal u jippromwovu l-emanċipazzjoni u l-parteeċipazzjoni attiva tagħhom fl-ambjent diġitali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, daww il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, għandhom effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu

##### *Emenda*

(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, daww il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, għandhom effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu

eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.

eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati **u t-tekniki ta' prevenzjoni xierqa** neċessarji fil-livell tal-Unjoni.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) Sabiex jiġi żgurat l-ilħuq sħiħ tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu u jimplimentaw strateġiji ta' prevenzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel u fl-istituzzjonijiet edukattivi tagħhom. Iċ-Ċentru u l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-hotlines eżistenti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jellaboraw tekniki ta' prevenzjoni, sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal. Huwa importanti li l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, inkluż il-litteriżmu medjatiku, jiġu rikonoxxuti bħala ħila obbligatorja u parti essenzjali mill-edukazzjoni, b'enfasi fuq l-edukazzjoni tat-tfal, il-ġenituri u l-edukaturi u l-pubbliku ġenerali dwar is-sikurezza online, inkluż il-kontroll online tal-ġenituri u kif tiġi rikonoxxuta u rrappurtata s-solleċitazzjoni online. Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jallokaw aktar investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiżguraw il-litteriżmu diġitali, inkluż il-protezzjoni mill-bullying u l-bullying ċibernetiku fl-iskejjel, għal tfal ta' gruppi ta' etajiet differenti, filwaqt li jqisu żviluppi teknoloġiċi ġodda, bħall-metaverse.**

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 35

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Id-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal hija reat kriminali li jaffettwa d-drittijiet tal-vittmi li jidhru fih. Għalhekk, jenħtieġ li l-vittmi ***jkollhom id-dritt li jiksibu, fuq talba, miċ-Ċentru tal-UE iżda permezz tal-Awtoritajiet*** ta' Koordinazzjoni, ***informazzjoni rilevanti jekk*** materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih jiġi rrapportat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting jew minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' dan ir-Regolament.

###### *Emenda*

(35) Id-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal hija reat kriminali li jaffettwa d-drittijiet tal-vittmi li jidhru fih. Għalhekk, jenħtieġ li l-vittmi ***jiġi infurmati fil-ħin mill-Awtoritajiet*** ta' Koordinazzjoni ***deżinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-vittma, dwar l-eżistenza ta'*** materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih, ***li*** jiġi rrapportat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting jew minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' dan ir-Regolament ***u jkollhom id-dritt li jitolbu t-tħassir ta' dan il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. F'każ bħal dan, jenħtieġ li l-vittmi jkollhom id-dritt li jiksibu informazzjoni rilevanti, fuq talba, miċ-Ċentru tal-UE permezz tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni.***

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 36

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(36) Minħabba l-impatt fuq id-drittijiet tal-vittmi li jidhru f'tali materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-kapaċità tipika tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jillimitaw dak l-impatt billi jgħinu fl-iżgurar li l-materjal ma jibqax disponibbli fuq is-servizzi tagħhom, jenħtieġ li daww il-fornituri jassistu lill-vittmi li jitolbu t-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess tal-materjal inkwistjoni. Jenħtieġ li dik l-assistenza tibqa' limitata għal dik li tista' raġonevolment tintalab mill-fornitur ikkonċernat fiċ-ċirkostanzi partikolari, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-kontenut u l-

###### *Emenda*

(36) Minħabba l-impatt fuq id-drittijiet tal-vittmi li jidhru f'tali materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-kapaċità tipika tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jillimitaw dak l-impatt billi jgħinu fl-iżgurar li l-materjal ma jibqax disponibbli fuq is-servizzi tagħhom, jenħtieġ li daww il-fornituri jassistu lill-vittmi li jitolbu t-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess tal-materjal inkwistjoni ***fil-ħin, sabiex jiġi minimizzat l-impatt li tali reati għandhom fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-minuri.*** Jenħtieġ li dik l-assistenza tibqa' limitata għal dik li tista' raġonevolment tintalab

ambitu tat-talba, il-passi meħtieġa sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti tal-materjal magħruf ikkonċernat ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-mezzi disponibbli għall-fornitur. L-assistenza tista' tikkonsisti, pereżempju, fl-ghajjnuna sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti, jitwettqu kontrolli u jitneħħa jew jiġi ddiżattivat l-aċċess għall-oġġetti. Meta jitqies li t-tweġġiet tal-attivitajiet meħtieġa sabiex tinkiseb tali tneħħija jew diżattivazzjoni tal-aċċess jista' jikkawża weġġhat jew saħansitra jkun trawmatiku kif ukoll kumpless, jenħtieġ li l-vittmi jkollhom ukoll id-dritt li jiġu meġġjunin miċ-Ċentru tal-UE f'dan ir-rigward, permezz tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni.

mill-fornitur ikkonċernat fiċ-ċirkostanzi partikolari, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-kontenut u l-ambitu tat-talba, il-passi meħtieġa sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti tal-materjal magħruf ikkonċernat ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-mezzi disponibbli għall-fornitur. L-assistenza tista' tikkonsisti, pereżempju, fl-ghajjnuna sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti, jitwettqu kontrolli u jitneħħa jew jiġi ddiżattivat l-aċċess għall-oġġetti. Meta jitqies li t-tweġġiet tal-attivitajiet meħtieġa sabiex tinkiseb tali tneħħija jew diżattivazzjoni tal-aċċess jista' jikkawża weġġhat jew saħansitra jkun trawmatiku kif ukoll kumpless, jenħtieġ li l-vittmi jkollhom ukoll id-dritt li ***jirċievu appoġġ adegwat u li*** jiġu meġġjunin miċ-Ċentru tal-UE f'dan ir-rigward, permezz tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni. ***Jenħtieġ li l-fornituri jistabbilixxu u jħaddmu mekkaniżmu aċċessibbli, adatt għall-età u faċli għall-utent li jippermetti lill-utenti jindikaw lill-fornitur ta' abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali fuq is-servizz u jirċievu assistenza raġonevoli. "Assistenza raġonevoli" tista' tikkostitwixxi, fost l-oħrajn, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' twissija u ta' allarm b'mod prominenti fuq il-pjattaformi tagħhom, li jorbtu lill-vittmi potenzjali ma' organizzazzjonijiet lokali bħal linji telefoniċi għall-ghajjnuna, organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-vittmi jew hotlines. Tali fornituri għandhom jiżguraw segwitu adegwat meta jsir rapport, fil-lingwa li l-utent ikun għażel inizjalment għas-servizz tagħhom.***

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 37

*Test propost mill-Kummissjoni*

(37) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti ta' tali funzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, jenħtieġ li l-vittmi jitħallew

*Emenda*

(37) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti ta' tali funzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, jenħtieġ li l-vittmi ***jiġu***

jikkuntattjaw u jiddependu fuq l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun l-aktar aċċessibbli għalihom, li jenħtieġ li tieħu ħsieb li tgħaddi l-komunikazzjonijiet kollha bejn il-vittmi u ċ-Ċentru tal-UE.

***infurmati dwar l-eżistenza ta' tali funzjonijiet u*** jitħallew jikkuntattjaw u jiddependu fuq l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun l-aktar aċċessibbli għalihom, li jenħtieġ li tieħu ħsieb li tgħaddi l-komunikazzjonijiet kollha bejn il-vittmi u ċ-Ċentru tal-UE.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 44

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(44) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza u jkun jista' jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi, effiċjenti u konsistenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni, meta Stat Membru jiddeżinja aktar minn awtorità kompetenti waħda sabiex tapplika u tinforza dan ir-Regolament, jenħtieġ li huwa jiddeżinja awtorità ewlenija waħda bħala l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, filwaqt li jenħtieġ li l-awtorità ddeżinjata titqies awtomatikament bħala l-Awtorità ta' Koordinazzjoni meta Stat Membru jiddeżinja awtorità waħda biss. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni taġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' infurzar ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn.

#### *Emenda*

(44) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza u jkun jista' jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi, effiċjenti u konsistenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni, meta Stat Membru jiddeżinja aktar minn awtorità kompetenti waħda sabiex tapplika u tinforza dan ir-Regolament, jenħtieġ li huwa jiddeżinja awtorità ewlenija waħda bħala l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, filwaqt li jenħtieġ li l-awtorità ddeżinjata titqies awtomatikament bħala l-Awtorità ta' Koordinazzjoni meta Stat Membru jiddeżinja awtorità waħda biss. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni taġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' infurzar ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn. ***Jenħtieġ li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tar-Regolament, inklużi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni, mal-edukazzjoni u mas-sensibilizzazzjoni, u torganizza u tippromwovi taħriġ regolari għall-uffiċjali, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jittrattaw każijiet li jinvolvu t-tfal.***

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 60

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li daww il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, ta' rapportar u ta' mblukkar imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'daww relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn fornituri ta' servizzi ta' hosting, **mal-għoti** ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll **mal-ġenerazzjoni** u mal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta' għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online.

#### *Emenda*

(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li daww il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, ta' rapportar u ta' mblukkar imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'daww relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn fornituri ta' servizzi ta' hosting **kif ukoll l-indirizzar tat-tfaċċar mill-ġdid ta' materjal magħruf. Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll bl-għoti** ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll **bil-ġenerazzjoni ta' riċerka, tekniki ta' prevenzjoni u l-kondiviżjoni** ta' għarfien, **l-aħjar Prattiki** u ta' għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online, **inizjattivi ta' suċċess dwar il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali b'mod xieraq skont l-età, inkluż il-litteriżmu medjatiku, dwar l-edukazzjoni sesswali, u reazzjoni f'waqtha għax-xejriet li qed jevolvu tad-disseminazzjoni u l-monetizzazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.**

## Emenda 8



**Proposta għal regolament**  
**Premessa 62**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(62) Sabiex is-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament tiffunzjona kif suppost, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jiġi inkarigat bil-ħolqien ta' bażijiet tad-data għal kull wieħed minn dawk it-tliet tipi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u biż-żamma u bit-tħaddim ta' dawk il-bażijiet tad-data. Għall-finijiet ta' responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru korrezzjonijiet fejn meħtieġ, jenħtieġ li jżomm rekords tas-sottomissjonijiet u tal-proċess użat għall-ġenerazzjoni tal-indikaturi.

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 67**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(67) Minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu li tirriżulta mit-twettiq tal-kompiti primarji tiegħu skont dan ir-Regolament u l-informazzjoni u l-għarfien espert li jista' jiġbor b'rabta miegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament billi jservi bħala ċentru għall-għarfien, għall-għarfien espert u għar-riċerka dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha **u** jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-għarfien u mill-għarfien espert miġburin, inklużi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħudin.

*Emenda*

(62) Sabiex is-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament tiffunzjona kif suppost, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jiġi inkarigat bil-ħolqien ta' bażijiet tad-data għal kull wieħed minn dawk it-tliet tipi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u biż-żamma, **bl-aġġornament f'waqtu** u bit-tħaddim ta' dawk il-bażijiet tad-data. Għall-finijiet ta' responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru korrezzjonijiet fejn meħtieġ, jenħtieġ li jżomm rekords tas-sottomissjonijiet u tal-proċess użat għall-ġenerazzjoni tal-indikaturi.

*Emenda*

(67) Minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu li tirriżulta mit-twettiq tal-kompiti primarji tiegħu skont dan ir-Regolament u l-informazzjoni u l-għarfien espert li jista' jiġbor b'rabta miegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament billi jservi bħala ċentru għall-għarfien, għall-għarfien espert u għar-riċerka dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, **inklużi t-tagħlimiet meħuda minn rapportar proattiv ibbażat fuq materjal magħruf, il-prevenzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni**. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, **inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-edukaturi, is-soċjetà ċivili u l-fornituri tas-servizzi**. **Jenħtieġ li ċ-Ċentru** jippermetti **wkoll** lill-Istati Membri

jibbenefikaw mill-għarfien u mill-għarfien  
espert miġburin, inklużi l-aħjar prattiki u t-  
tagħlimiet meħudin *dwar il-ħolqien ta'  
esperjenzi diġitali sikuri għat-tfal u l-  
promozzjoni tal-emanċipazzjoni u l-  
parteċipazzjoni attiva tagħhom fl-ambjent  
diġitali, f'konformità mal-Komunikazzjoni  
tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2022 bit-  
titolu "Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-  
żgħażaġh: l-istrateġija Ewropea l-ġdida  
għal internet aħjar għat-tfal (BIK+)" u l-  
Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-  
26 ta' Jannar 2022 bit-titolu "L-  
istabbiliment ta' Dikjarazzjoni Ewropea  
dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali  
għad-Deċennju Diġitali".*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 70

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(70) L-appoġġ fit-tul tal-Unjoni kemm għall-INHOPE kif ukoll għall-hotlines li huma membri tagħha jirrikonoxxi li l-hotlines jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jagħmel l-aqwa użu min-network tal-hotlines u jħeġġiġhom jaħdmu flimkien b'mod effettiv mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, mal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. L-għarfien espert u l-esperjenza tal-hotlines huma sors imprezzabbli ta' informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija ta' theddid u ta' soluzzjonijiet komuni, kif ukoll dwar id-differenzi reġjonali u nazzjonali madwar l-Unjoni.

#### *Emenda*

(70) L-appoġġ fit-tul tal-Unjoni kemm għall-INHOPE kif ukoll għall-hotlines li huma membri tagħha jirrikonoxxi li l-hotlines jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. ***Jenħtieġ li dan ir-rwol tal-hotlines jissaħħaħ u jenħtieġ li dawn ikomplu jiffaċilitaw din il-ġlieda. Jenħtieġ li kull Stat Membru jiżgura li mill-inqas hotline uffiċjali waħda tkun qed topera fit-territorju tiegħu.*** Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jagħmel l-aqwa użu min-network tal-hotlines u jħeġġiġhom jaħdmu flimkien b'mod effettiv mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, mal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. L-għarfien espert u l-esperjenza tal-hotlines huma sors imprezzabbli ta' informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija ta' theddid u ta' soluzzjonijiet komuni, kif ukoll dwar id-differenzi reġjonali u nazzjonali madwar l-Unjoni. ***Ir-rapportar pubbliku anonimu***

*huwa kruċjali għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pubbliku jkollu l-possibbiltà li jirrapporta b'mod anonimu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u attivitajiet ta' sfruttament sesswali tat-tfal lil hotlines speċjalizzati fil-ġlieda kontra materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u għandhom jissalvagwardjaw ir-rwol ta' tali hotlines fir-rapportar pubbliku anonimu. Il-promozzjoni ta' hotlines miċ-Ċentru tal-UE u l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni permezz tas-sistemi edukattivi tal-Istati Membri sabiex jeducaw liż-żgħażaġh u jilħqu vittmi potenzjali hija ta' importanza kbira. L-esperjenza u l-għarfien espert tagħhom jenħtieġ li jgħinu liċ-Ċentru u lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tal-UE jfasslu tekniki ta' prevenzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni xierqa.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 76

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(76) Fl-interess ta' governanza tajba u fuq il-bażi tal-istatistiki u tal-informazzjoni miġburin u tal-mekkaniżmi ta' rapportar tat-trasparenza previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien **ħames** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u kull ħames snin wara dan.

##### *Emenda*

(76) Fl-interess ta' governanza tajba u fuq il-bażi tal-istatistiki u tal-informazzjoni miġburin u tal-mekkaniżmi ta' rapportar tat-trasparenza previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien **tliet** snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u kull ħames snin wara dan.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(p) "abbuż sesswali tat-tfal online"

##### *Emenda*

(p) "abbuż sesswali tat-tfal online"

tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal **u s-solleċitazzjoni** online tat-tfal;

tfisser id-disseminazzjoni online ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal **jew is-solleċitazzjoni** online tat-tfal;

### Emenda 13

#### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(wa) "hotline" tfisser organizzazzjoni li ttipprovdi mekkaniżmu, għajr il-mezzi ta' rapportar ipprovduti mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, li tirċievi informazzjoni anonima mingħand il-pubbliku dwar materjal potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online, li hija rikonoxxuta uffiċjalment mill-Istat Membru ta' domiċilju tagħha kif espress fid-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li għandha l-missjoni li tiġġieled il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;**

### Emenda 14

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) .../... [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] .

(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, **ma' hotlines** jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) .../... [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragraph 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-fornitur għandu jistabbilixxi u jopera mekkaniżmu aċċessibbli, adattat għall-età u faċli għall-utent li jippermetti lill-utenti jindikaw lill-fornitur potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizz.

#### *Emenda*

3. Il-fornitur għandu jistabbilixxi u jopera mekkaniżmu aċċessibbli, adattat għall-età u faċli għall-utent li jippermetti lill-utenti jindikaw lill-fornitur potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizz. ***Tali fornituri għandhom jiżguraw segwitu adegwat u jipprovdu assistenza raġonevoli, meta jsir rapport, fil-lingwa li l-utent ikun għażel inizjalment għas-servizz tagħhom.***

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu -1 (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***-1. Meta każ ta' disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal jiġi rrapportat liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni deżinjata mill-Istat Membru ta' residenza għandha, b'mod f'waqtu, tinforma lill-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni u li jidhru fih dwar l-eżistenza ta' dak il-materjal.***

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu

Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu

jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni deżinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ li fih id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf dwar l-abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fiha tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.

jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni deżinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ li fih id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf dwar l-abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fiha tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.  
***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-persuni li jitolbuha b'mod kunfidenzjali, li jinftiehem faċilment u aċċessibbli.***

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.

#### *Emenda*

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, ***bl-aktar mod effiċjenti u f'waqtu***, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni deżinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ikunu jixtiequ li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta'

#### *Emenda*

Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni deżinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ikunu jixtiequ li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta'

materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.

materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-persuni li jitolbuha b'mod kunfidenzjali, li jinftiehem faċilment u aċċessibbli.***

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Kull Stat Membru għandu jiżgura l-funzjonament tal-hotlines, inkluż permezz tal-finanzjament u l-bini ta' kapaċitajiet, sabiex il-vittmi u l-familji tagħhom jirċievu appoġġ mill-awtorità kompetenti fil-ħin.***

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali għandu jkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx assenja ċerti kompiti jew setturi speċifiċi lil awtoritajiet kompetenti oħra.

Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali għandu jkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx assenja ċerti kompiti jew setturi speċifiċi lil awtoritajiet kompetenti oħra. ***L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli wkoll għall-koordinazzjoni u l-adattament ta' tekniki ta' prevenzjoni, elaborati miċ-Ċentru tal-UE. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet u prattiki tajba dwar it-titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, inkluż il-litteriżmu medjatiku, fost il-popolazzjoni permezz***



*tat-twettig ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni fil-livell nazzjonali, immirati b'mod partikolari lejn il-ġenituri u t-tfal dwar l-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha.

##### *Emenda*

Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni **u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni** fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet, **inklużi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni, mal-edukazzjoni u mas-sensibilizzazzjoni u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ regolari għall-uffiċjali, inkluż fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jitrattaw każijiet li jinvolvu t-tfal** u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 25 – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li punt ta' kuntatt jiġi ddeżinjat jew stabbilit fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex jittratta talbiet għal kjarifika, feedback u komunikazzjonijiet oħrajn fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-

##### *Emenda*

5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li punt ta' kuntatt jiġi ddeżinjat jew stabbilit fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex **jikkoordina l-prevenzjoni fi ħdan l-Istat Membru u** jittratta talbiet għal kjarifika, feedback u komunikazzjonijiet oħrajn fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru. L-



informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt disponibbli għall-pubbliku **u** jikkomunikawha liċ-Ċentru tal-UE. Għandhom iżommu dik l-informazzjoni aġġornata.

Istati Membri għandhom jaġġmlu l-informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt disponibbli għall-pubbliku, **għandhom jippromwovu t-tixrid u l-viżibbiltà tiegħu sabiex tinholq sensibilizzazzjoni, speċjalment f'postijiet pubbliċi, u għandhom jikkomunikawha liċ-Ċentru tal-UE. Għandhom iżommu dik l-informazzjoni aġġornata u faċilment aċċessibbli.**

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) jipprovdi għarfien u għarfien espert dwar tekniki ta' prevenzjoni xierqa kontra s-solleċitazzjoni online tat-tfal u d-disseminazzjoni tas-CSAM online.**

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-utenti għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni deżinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit l-utent.

1. L-utenti għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni deżinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit l-utent. **L-utenti għandu jkollhom ukoll id-dritt li jressqu lment bħal dan permezz tal-hotlines nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-utent jirrisjedi jew ikun stabbilit. Dawk il-hotlines għandhom jittrażmettu dawn l-ilmenti lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni rilevanti.**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jipprovdu ***mekkaniżmi adatti għat-tfal sabiex*** jippreżentaw ilment skont dan l-Artikolu u jadottaw approċċ li jqis is-sitwazzjoni tat-tfal ***meta jittrattaw ilmenti mressqin minn tfal***, filwaqt li jqisu l-età, ***il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib*** tat-tfal.

*Emenda*

2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jipprovdu ***wkoll lit-tfal bl-għodod meħtieġa biex jirrikonoxxu mġiba suspettuża u kontenut potenzjalment perikoluż online u*** jippreżentaw ilment ***faċilment*** skont dan l-Artikolu. ***L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jeżaminaw kull ilment u jadottaw approċċ li jqis is-sitwazzjoni tat-tfal filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet tal-elementi kollha tal-ilment (sit web jew servizz ta' komunikazzjoni interpersonali, l-età tat-tfal, tħassib speċifiku).***

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-utent li jressaq ilment għandu jiġi infurmat dwar l-eżitu tal-investigazzjoni.***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, inkluża l-Europol, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti

1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ***ma' hotlines nazzjonali, ma' organizzazzjonijiet u networks rilevanti, u*** ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti

rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.

oħrajn tal-Unjoni, inkluża l-Europol, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu. ***L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online u s-solleċitazzjoni tat-tfal.***

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.

#### *Emenda*

2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni, ***materjali edukattivi, prattiki tajba*** u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online. ***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jwettaq dmirijietu f'konformità mal-oġettivi tal-istrateġija Ewropea għal internet aħjar għat-tfal (BIK +).***

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 6 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) jiffaċilita l-ġenerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien ma'

#### *Emenda*

(6) jiffaċilita l-ġenerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien ma'

istituzzjonijiet, ma' korpi, ma' uffiċċji u ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni, mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament, billi:

istituzzjonijiet, ma' korpi, ma' uffiċċji u ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni, mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri, **ma' hotlines, ma' NGOs u ma' partijiet ikkonċernati oħra** sabiex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament, billi:

## Emenda 31

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jiġbor, jirreġistra, janalizza u jipprovdi informazzjoni, jipprovdi analiżi bbażata fuq il-ġbir ta' data anonimizzata u mhux personali, u jipprovdi għarfien espert dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u l-ġlieda kontra dan, f'konformità mal-Artikolu 51;

##### *Emenda*

(a) jiġbor, jirreġistra, janalizza u jipprovdi informazzjoni, jipprovdi analiżi bbażata fuq il-ġbir ta' data anonimizzata u mhux personali, u jipprovdi għarfien espert dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u l-ġlieda kontra dan, f'konformità mal-Artikolu 51, **inklużi programmi u kampanji edukattivi, ta' prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, inklużi programmi ta' intervent skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2011/93/UE, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, u l-prattiki tajba mwettqa fi Stati Membri differenti;**

## Emenda 32

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jappoġġa l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tar-riċerka u tal-għarfien espert dwar dawk il-kwistjonijiet u dwar l-assistenza lill-vittmi, inkluż billi jservi bħala ċentru ta' għarfien espert sabiex jappoġġa politika bbażata fuq l-evidenza;

##### *Emenda*

(b) jappoġġa l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tar-riċerka, **materjali edukattivi adatti għall-età** u tal-għarfien espert dwar dawk il-kwistjonijiet u dwar l-assistenza lill-vittmi, inkluż billi jservi bħala ċentru ta' għarfien espert sabiex jappoġġa politika bbażata fuq l-evidenza **u jgħaqqad ir-riċerkaturi mal-prattikanti;**

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) il-forniment ta' għarfien espert tekniku, l-appoġġ u l-promozzjoni tal-iskambju regolari tal-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet edukattivi dwar is-sensibilizzazzjoni għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u dwar il-promozzjoni, b'mod adatt għall-età, tal-edukazzjoni sesswali, tal-ħiliet u tal-kompetenzi diġitali, inkluż il-litteriżmu medjatiku, is-sikurezza ċibernetika, fl-edukazzjoni formali, mhux formali u informali, immirati lejn l-edukaturi, il-ġenituri u l-istudenti;*

### Emenda 34

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) l-iskambju tal-aħjar Prattiki fost l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni rigward l-għodod disponibbli fir-rigward tat-tnaqqis tar-riskju li t-tfal isiru vittmi ta' abbuż sesswali u l-għoti ta' assistenza personalizzata lill-vittmi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi individwali tagħhom, bħall-età, l-isfond etniku u kulturali jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom u l-koordinazzjoni tal-organizzazzjoni ta' taħriġ regolari għall-uffiċjali, inkluż fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jittrattaw każijiet li jinvolvu lit-tfal.*

### Emenda 35

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 50 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE għandu jwettaq, jipparteċipa fi jew jħeġġeġ riċerka, sħarriġ u studji, jew fuq inizzjattiva tiegħu stess jew, fejn xieraq u kompatibbli mal-prijoritajiet tiegħu u mal-programm ta' ħidma annwali tiegħu, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.

*Emenda*

3. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE għandu jwettaq, jipparteċipa fi jew jħeġġeġ riċerka, sħarriġ u studji, jew fuq inizzjattiva tiegħu stess jew, fejn xieraq u kompatibbli mal-prijoritajiet tiegħu u mal-programm ta' ħidma annwali tiegħu, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. ***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa lill-Istati Membri u lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni fit-twettiq tar-riċerka, filwaqt li jqis l-ispeċifikitajiet nazzjonali. L-għarfien miġbur għandu jservi bħala għodda biex jiġu elaborati metodi ta' prevenzjoni adattati u implimentati mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni f'kull Stat Membru.***

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 50 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrihi.

*Emenda*

5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrihi. ***Il-kampanji ta' komunikazzjoni għandhom ikunu jinftiehmu faċilment u aċċessibbli għat-tfal, il-familji tagħhom u l-edukaturi f'edukazzjoni formali, mhux formali u informali fl-Unjoni, bl-għan li jtejbju l-litteriżmu diġitali u jiżguraw ambjent diġitali sikur għat-tfal. Dawk il-kampanji għandhom iqisu wkoll is-***

*sitwazzjoni partikolari tal-persuni  
b'diżabilità.*

### **Emenda 37**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE **jista'** jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi.

##### *Emenda*

1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE **għandu** jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi. **Iċ-Ċentru tal-UE għandu wkoll jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni ma' tali organizzazzjonijiet u networks.**

### **Emenda 38**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Iċ-Ċentru tal-UE jista' jikkonkludi **memoranda ta' qbil** mal-organizzazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, li jistabbilixxu t-termini tal-kooperazzjoni.

##### *Emenda*

2. Iċ-Ċentru tal-UE jista' jikkonkludi **ftehimiet ta' kooperazzjoni strateġika u/jew operazzjonali** mal-organizzazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, li jistabbilixxu t-termini tal-kooperazzjoni.

### **Emenda 39**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 56 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu membru supplenti. Il-membru supplenti għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza ***tiegħu***.

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 58 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President ***jekk dan ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu***.

*Emenda*

3. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu membru supplenti. Il-membru supplenti għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza ***tal-membru***.

*Emenda*

Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President ***meta jkun meħtieġ***.

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 60 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Fl-assenza ta' xi membru, il-membru supplent ***tiegħu*** għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt ***li jivvota***.

*Emenda*

2. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Fl-assenza ta' xi membru, il-membru supplent għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt ***tal-vot***.

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt j**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra, li għandu jkun kompletament indipendenti fit-twettiq ***ta' dmirijietu***;

*Emenda*

(j) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra, li għandu jkun kompletament indipendenti fit-twettiq ***tad-dmirijiet tal-Uffiċjal***;



## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 64 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-Direttur Eżekuttiv jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni ***ta' dmirijietu*** meta jintalab jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar il-prestazzjoni ***ta' dmirijietu***.

*Emenda*

2. Id-Direttur Eżekuttiv jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni ***tad-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv*** meta jintalab jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar il-prestazzjoni ***tad-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv***.

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Artikolu 83 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ia) il-miżuri meħuda fir-rigward tal-programmi ta' prevenzjoni u assistenza għall-vittmi, inkluż l-għadd ta' tfal fl-educazzjoni primarja li qed jieħdu sehem f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni u permezz ta' programmi edukattivi dwar ir-riskji tal-forom kollha ta' sfruttament sesswali tat-tfal, inkluż fl-ambjent online.***

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 83 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ja) il-miżuri meħuda mill-Istati Membri rigward il-prevenzjoni, is-sensibilizzazzjoni, u l-programmi ta' assistenza għall-vittmi, inklużi l-impatt, is-sensibilizzazzjoni u l-effettività tal-attivitajiet imwettqa fuq l-udjenza fil-mira, meta possibbli, diżaggregati f'kategoriji***

*differenti bbażati fuq id-demografija.*

#### **Emenda 46**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 84 – paragrafu 2**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tfassal rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha skont dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jikkompila l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 83(2). Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena wara s-sena li magħha jkun relatat ir-rapport, għandha tagħmel ir-rapport disponibbli għall-pubbliku u tikkomunikah lill-Kummissjoni u liċ-Ċentru tal-UE.

###### *Emenda*

2. Kull Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tfassal rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha skont dan ir-Regolament ***filwaqt li jitqiesu l-ispeċifità jiet nazzjonali***. Dak ir-rapport għandu jikkompila l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 83(2). Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena wara s-sena li magħha jkun relatat ir-rapport, għandha tagħmel ir-rapport disponibbli għall-pubbliku u tikkomunikah lill-Kummissjoni u liċ-Ċentru tal-UE.

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 85 – paragrafu 1**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa [***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa dan ir-Regolament u tissottometti rapport dwar l-applikazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

###### *Emenda*

1. Sa [***tlit*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa dan ir-Regolament u tissottometti rapport dwar l-applikazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment ta' regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 12.9.2022
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 12.9.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Niyazi Kizilyürek 24.6.2022
<b>Eżami fil-kumitat</b>	14.11.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.3.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 –: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Christine Anderson, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Alexis Georgoulis, Catherine Griset, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Predrag Fred Matić, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Monica Semedo, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Maria Walsh, Theodoros Zagorakis
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Chiara Gemma, Marcel Kolaja, Rob Rooker
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Ana Miranda

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

29	+
ECR	Chiara Gemma, Rob Rookan
ID	Christine Anderson, Catherine Griset
NI	Andrea Bocskor
PPE	Asim Ademov, Franc Bogovič, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Maria Walsh, Theodoros Zagorakis
Renew	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva, Monica Semedo
S&D	João Albuquerque, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Smeriglio
The Left	Alexis Georgoulis, Niyazi Kizilyürek
Verts/ALE	Marcel Kolaja, Ana Miranda, Diana Riba i Giner

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni